MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Numru. 584/2003

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
FRANKIE PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frankie Pace ta’ 24 sena bin Lawrence u Mary nee Psaila imwieled Pieta fl-4 ta’ Lulju 1979 u li joqghod, 75, Bastion Street, Senglea numru tal-karta tal-identita 119679M talli fit-8 ta’ Lulju 2003 ghal habta ta’ nofs inhar minn gewwa Triq San Luqa, Hamrun ikkommetta serq ta’ karozza tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni SPS 996 li l-valur taghha jeccedi l-Lm1000, ghad-dannu ta’ Alexia Satariano liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur.

Talli fil-hinijiet jew jiem ta’ wara it-8 ta’ Lulju 2003 matul il-gurnata ikkommetta serq ta’ stereo kif wkoll parr speakers minn gewwa karozza bin-numru SPS996 tal-ghamla

Peugeot, li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Alexia Satariano liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u xorta tal-haga misruqa.

Talli l-imsemmi Frankie Pace huwa ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu imhassra. Kif wkoll talli ikkometta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif wkoll fil-perjodu operattiv tal-Probation Orders imposti fuqu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-15 ta' Lulju 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 267, 279, 49, 50 u 28A – H tal-kap 9 u tikkundannah ghal tlieta u tletin xahar prigunerija – tlettax il-xahar prigunerija ghal rigward tal-akkuzi kif dedotti u ghoxrin xahar prigunerija ghas-sentenza sospiza tal-11 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs jiddetieni lill-imputat fis-sezzjoni YOURS fi hdan il-facilita korrettiva ta' Kordin filwaqt li tirrakomanda lill-imputat Direttur li l-imputat jaghmel programma ghar-riabilitazzjoni kontra d-droga tas-SATU.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------